MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2013

Mandat Numru. 567/2013/1

**Joseph Zammit, direttur, iben il-mibki Joseph Zammit u Josephine Zammit xebba Cachia, imwieled Sliema u residenti Madliena, u detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 501657 (M)**

**vs**

**Scala Developments Limited (C – 18453)**

Il-Qorti,

Rat il-mandat t'inibizzjoni fl-ismijiet fuq indikati datat it-12 t'April, 2013, li permezz tieghu r-rikorrenti fuq indikati sintetikament talbu s-segwenti in kawtela tad-drittijiet minnhom vantati:

1. Illi biex jigi kkawtelat il-kreditu riferit mill-istess rikorrenti jitolbu l-hrug tal-mandat *de quo* kontra s-

socjeta` intimata biex din tinzamm milli tbiegh, tnehhi, titrasferixxi jew tiddisponi *inter vivos*, b'titolu oneruz jew gratuwitu, il-proprjeta` minnhom espressament indikata fir-rikors li ta bidu ghall-procedura odjerna, (ara fol 1);

2. Illi dan qed isir in kawtela tal-ammont pretiz mir-rikorrenti ghall-flus minnu mhallsin lis-socjeta` intimata fuq konvenju datat il-5 ta' Marzu, 2010, liema ammont ghandu jithallas mis-socjeta` intimata lir-rikorrenti stante li:

i. Il-kunsens tar-rikorrenti ghall-konvenju fuq indiakt gie karpit b'qerq u b'ingann tas-socjeta` intimata li ma nfurmatx lir-rikorrenti bl-ezistenza ta' pretensjonijiet ta' terzi fuq l-istess proprjeta`;

ii. Ir-rikorrenti mhux obbligat jaddivjeni ghall-att finali ta' kompra-vendita tal-proprjeta` riferita fil-konvenju fuq dedott stante l-pretensjonijiet ta' terzi fuq riferiti;

iii. Illi l-istess pretensjonijiet taw lok ghall-proceduri gudizzjarji riferiti fl-istess rikors promotur, (ara fol 2);

3. Illi ghar-ragunijiet su-esposti r-rikorrenti qed jitlob li jottjeni l-hrug ta' mandat t'inibizzjoni kontra s-socjeta` intimata;

Rat id-digriet provizorju taghha datat it-12 t'April, 2013, li permezz tieghu laqghet provizorjament it-talba tar-rikorrenti, ordnat in-notifika lill-kontro-parti u appuntat l-istess ghas-smiegh skont il-ligi;

Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata datata t-8 ta' Mejju, 2013, li permezz taghha sintetikament esponiet is-segwenti:

1. Illi l-kreditu tar-rikorrenti jammonta ghal mija u sitta u disghin elf, tlett mija u disgha u erbghin Ewro u seba' u tmenin centezmu, (€196,349.87);

2. Illi r-rikorrenti qed jitlob li jikkawtela l-kreditu tieghu indikat fil-paragrafu precedenti billi jorbot proprjeta` li tiswa erba' miljun Ewro, (€4,000,000.00);

3. Illi *di piu`*, r-rikorrenti ottjena wkoll mandat ta' sekwestru bin-numru 568/2013;

4. Illi biex jinhareg mandat t'inibizzjoni il-pregudizzju jrid ikun irriparabbli;

5. Illi s-socjeta` intimata ghandha assi sostanzjali;

6. Illi ghalkekk il-mandat hu vessatorju w intiz biex jaghmel hsara lis-socjeta` intimata stante li t-talba tar-rikorrenti hi wahda sproporzjonata;

7. Ghaldaqstant, is-socjeta` intimata tissottometti li jekk it-talba tar-rikorrenti ghanda tigi milqugha din ghandha tkun limitata ghal dak li jirrigwarda l-appartament numru 37/6, Tigne Sea Front, kantuniera ma' Patronate Lane, Tas-Sliema, l-uzu tal-partijiet komuni u zewg (2) spazji ta' garaxx immarkati numru sitta (6) u numru hdax (11) fil-basement biss u mhux fuq il-proprjetajiet l-ohra elenkati fir-rikors promotur;

Rat in-nota konguntiva tal-partijiet involuti fuq indikati datata t-28 ta' Mejju, 2013, li permezz taghha esponew is-segwenti:

Illi jaqblu li l-mandat t'inibizzjoni in dizamina jintlaqa` limitatament fil-konfront ta' l-appartement internament immarkat numru sitta (6), formanti parti minn blokk esternament immarkat bin-numru sebgha u tletin (37), f'Tigne` Sea Front, kantuniera ma' Patronate Lane, Tas-Sliema, u fil-konfront ta' zewg (2) spazji ta' garaxxijiet enumerati sitta (6) u hdax (11) li jinsabu fil-livell tas-sotterran tal-blokk fuq indikat;

Ikkunsidrat:

Illi *ai termini* tal-ftehim milhuq bejn il-partijiet kif riprodott fil-paragrafu precedenti tiehu l-provedimenti segwenti:

1. Tirrevoka d-digriet provizorju taghha datat it-12 t'April, 2013, fl-interezza tieghu;

2. Takkolji fl-interezza tieghu il-ftehim fuq indikat datat it-28 ta' Mejju, 2013;

3. Illi in vista tal-istess, tilqa' t-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-mandat t'inibizzjoni minnu mitlub **limitatament** ghall-appartament numru sitta (6), formanti parti minn blokk esternament immarkat sebgha u tletin ,(37), Tigne` Sea Front, kantunieta ma' Patronate Lane, Tas-Sliema, flimkien ma' zewg (2) spazji ta' garaxxijiet li jinsabu fl-istess blokk t'appartementi rispettivament enumerati numru sitta (6) u hdax (11) li huma sitwati fil-livell tas-sotterran tal-istess blokk hawn indikat;

4. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata Scala Developments Limited.

__________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------